MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2014

Numru. 981/2013

Il-**Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Anthony Bonnici bin Anthony Bonnici u Rose nee` Grech, imwieled Pieta nhar it-12 ta’ Awissu 1969, residenti Hubbard Flats, Flat 1, Triq Alessandra, Bormla u detentur tal-karta tal-identita` numru 352769M.

Talli;

1) Bejn il-lejl ta’ 3 ta’ Ottubru 2013 u 4 ta’ Ottubru 2013 gewwa Santa Venera, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg mobbli jew immobli ta’ Lynsey Marie Harrington u cioe` vettura ta’ l-ghamla Toyota bin-numru ta’ registrazzjoni POX 111, liema hsara tammonta ghal elf u sitt mitt Euro ( €1,600).

2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg mobbli jew immobli ta’ Lynsey Marie Harrington u cioe` zewg bibien tar-residenza ta’ Lynsey Marie Harrington, liema hsara tammonta ghal aktar minn €116.47 izda inqas minn €1164.67.

3) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b`nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b`nuqqas ta` tharis ta` regolamenit, kkaguna hsara fuq vettura POX 111, ghad-dannu ta` Lynsey Marie Harrington.

4) Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ikkaguna feriti ta` natura hafifa fuq il-persuna ta` Lynsey Marie Harrington skond kif iccertifikat minn Dr. J. P. Tabone tal-klinika tal-Floriana.

5) Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghalkemm kienu ipprovokati, ingurjaw b`mod li hargu barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

6) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 338 (dd) ta’ Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7) Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal fil-pubbliku xi kliem oxen jew indicenti.

8) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor u cioe` lil Lynsey Marie Harrinton u lil uliedha minuri, biza` li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta taghhom.

9) Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b`sentenza moghtija minn Magistrat Dr. E. Grima LL.D datata 25 ta' Lulju 2012.

10) U aktar talli b'hekk renda ruhu recidiv b`diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati Malta liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan ai terminu ta' Artikolu 50 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat in-nota ta’ rinviju ghallgudizzju tal-Avukat Generali, fejn gew indikati l-Artikoli relattivi tal-ligi li tahthom kellu jigi gudikat l-imputat;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, din il-Qorti giet ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi sethget tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat illi l-parti leza kienet fil-frattemp irrikonciljat mal-imputat;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikolu 325 (1)(a), 325(1)(b), 221(1), 338(dd), 338(bb), 251B(1), 49, 50, 17, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti ssibb lill-istess imputat Anthony Bonnici hati skond l-akkuzi dettota kontra tieghu u ghaldaqstant qieghda tordna l-hrug ta’ Ordni ta’ Protezzjoni favur Lindsay Marie Harrington ai termini ta’ l-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghall-perijodu ta’ sentejn, b’dan illi l-imputat m’ghandux jimmolesta lill-parti leza f’dak il-perijodu;

Kif ukoll tordna l-hrug ta’ Ordni ta’ Trattament fuq l-imputat ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghall-perijodu ta’ sentejn.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------